MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Numru. 352/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**KONTRA**

**MARCO MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marco Micallef ta’ 45 sena, bin Alfred u Maria nee’ Sciberras, mwieled Hamrun nhar il- 25 ta’ Novembru 1964, residenti fil- fond 18, Flat 3, Triq il- Punent, Valletta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 616464(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli

1) Nhar il- 5 ta' Frar 2010, ghall- habta tat- 3.15pm fl- Ghassa tal- Pulizija tal- Belt Valletta, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b' mod li jistghu jimbdew procedure kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar u dan bi ksur tal- Artikolu 110 (2) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) Kif ukoll talli fil- 5 ta' Frar 2010, f' dawn il- Gzejjer, zamm f' xi fond jew kellu fil- pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl- Iskeda I Kapitolu 480 (Att Dwar l- Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l- istess Att;

3) U finalment qieghed jigi akkuzat ukoll talli sar recediv ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzai saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi l-addebitu tar-recidiva m'huwiex applikabbli ghall-imputat, u dan hekk kif jirrisulta mill-istess fedina penali u kif qablu l-partijiet fil-verbal tas-seduta ta' llum;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza. L-imputat iddenunzja s-serq tal-vettura tieghu fil-5 ta' Frar, 2010, meta dak inhar stess il-Pulizija aktar tard sabuh bl-istess vettura gewwa r-Rabat, meta sussegwentement gie arrestat u interrogat mill-Pulizija. Fl-istess vettura instabet pistola b'sitt balal maghha, u ghalhekk infethu dawn il-proceduri kontra l-imputat. Peress illi l-addebitu tar-recidiva ma tirrisultax, u peress illi dan ir-reat hu wiehed ta' gravita' konsiderevoli, il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija, b'dan illi l-effetti taghha ser jigu sospizi u ser jinzammu milli jidhlu fis-sehh sakemm l-imputat ma jaghmilx reat iehor fi zmien erba' snin millum.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 110(2), 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 3(a) u 51(1)(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal erba (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tordna l- konfiska tal- oggetti esebiti f'dawn l-atti, taht l-Awtorita' tal- Kummissarju tal- Pulizija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------